MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Numru. 23/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Paul Muscat**

Numru 23/2014

Illum 2 ta' April 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Muscat**, ta' tlieta u erbghin (43) sena, iben Felix u Antonia neé Zerafa,

imwieled l-Awstralja, nhar it-2 ta’ Dicembru 1970, residenti Evaman, Triq Guzé Flores, Kercem, Ghawdex, Ghawdex u fil-fond numru 7, High Field Way, Kurunjang, Victoria, Awstralja, u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru 21726(A),

akkuzat talli nhar l-20 ta’ Marzu 2014 u kif ukoll fil-granet ta’ qabel u fix-xhur ta’ qabel gewwa dawn il-Gzejjer u kif ukoll permezz ta’ komunikazzjoni elettronika minn gewwa l-Awstralja b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda:

1. ikkaguna lil haddiehor u cioé lil martu Daniela Muscat (I.D. Nru. 5177G) tibza’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi gab ruhu b’mod li kien ta’ fastidju ghall-persuna ta’ martu Daniela Muscat (I.D. Nru. 5177G) b’mod li kien jaf jew messu kien jaf li kien ta’ fastidju ghall-imsemmija persuna;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ngurja jew hedded lill-persuna ta’ martu Daniela Muscat (I.D. Nru. 5177G).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. “FT 4”).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali ammissjoni wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma kien ser idejjaq jew jimmolesta lil Mary Grace Muscat u semghetu wkoll jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma kien ser idejjaq, jimmolesta jew ikellem lil Daniela Muscat.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-kwerelanti Mary Grace Muscat u Daniela Muscat jiddikjaraw li huma ma kienux ser jaghtu d-depozizzjoni taghhom f'dawn il-proceduri.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

**Ikkunsidrat**

Illi, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, dawn bl-ebda mod ma gew pruvati, u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, din giet ammessa mill-imputat u b'hekk tali imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura ta' tali imputazzjoni, l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tieghu (Dok. "FT 2"), u l-obbligazzjonijiet maghmula mill-imputat fis-seduta tallum.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom u, wara li rat Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Paul Muscat hati tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ammenda ta' hamsin Euro (€ 50.00).

Fl-ahhar nett, il-Qorti, wara li rat Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li jinhareg Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Daniela Muscat u dana skont il-kondizzjonijiet indikati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------